



SKEDA INFORMATTIVA TEMATIKA

TAS-SEMESTRU EWROPEW

IT-TLUQ BIKRI MILL-ISKOLA

1. INTRODUZZJONI

It-tluq bikri mill-iskola¹ huwa ostaklu għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjegji. Dan ixekkel il-produttività u l-kompetittività, u jsostni l-faqar u l-esklużjoni soċjali.**** B'forza tax-xogħol li qiegħed tiċkien, l-Ewropa trid tagħmel użu sħiħ mir-riżorsi umani tagħha. Iż-żgħażaġh li jtilqu mill-edukazzjoni u mit-taħriġ qabel iż-żmien jisfaw mingħajr ħiliet u kwalifiki. Jiffaċċjaw riskju ogħla ta' qgħad, esklużjoni soċjali u faqar.

L-istrateġija Ewropa 2020 iffissat **l-għan li tnaqqas il-proporzjon ta' persuni ta' bejn it-18 u l-24 sena li jħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ kmieni għal taħt l-10 %**. Fl-2016 kien għad hemm aktar minn erba' miljun persuna fl-Ewropa li telqu l-edukazzjoni kmieni kollha. Huma biss madwar 45 % minnhom li għandhom impjeg.

Iż-żgħażaġh bi sfond ta' migrazzjoni jaffaċċjaw riskju ogħla li jtilqu mill-iskola kmieni. Ir-riskju huwa speċjalment għoli għar-Roma u għal minoranzi żvantaġġjati oħrajn. Iż-żieda qawwija reċenti fil-wasla ta' refuġjati u migranti qawwiet l-isfida tal-integrazzjoni ta' studenti bi sfond ta' migrazzjoni u l-ħtieġa li tingħatalhom l-għajjnuna biex jiksbu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-2011 dwar politiki biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola² pproponiet li l-Istati Membri jimplimentaw approċċi ta' politika trans-settorjali. Dawn għandhom jiffokaw, fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, fuq miżuri ta' prevenzjoni u intervent, kif ukoll fuq miżuri ta' "kumpens" biex l-istudenti li jtilqu kmieni jerġgħu jidħlu fl-edukazzjoni.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Garanzija taż-Żgħażaġħ tal-2013 timpenja lill-Istati Membri jiżguraw li kull persuna taħt il-25 sena tirċievi offerta tajba ta' impjeg, taħriġ, traineeship jew apprendistat fi żmien erba' xhur minn meta tħalli l-edukazzjoni jew tisfa' qiegħda³. Din tirrakkomanda li l-Istati Membri joffru opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ għal żgħażaġh bi kwalifiki insuffiċjenti.

Il-Kummissjoni Ewropea nediet l-**"Aġenda Ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa"** f'Ġunju 2016. Din ipprovdiet il-kuntest għal inizzjattiva dwar "[Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet](#)", adottati mill-Kunsill tal-UE f'Diċembru 2016. Dan tal-aħħar tirrakkomanda lill-Istati Membri biex joffru lill-adulti ta' 25 sena jew aktar "perkorsi" flessibbli li jagħtuhom diversi għażliet biex jerġgħu jidħlu fl-edukazzjoni u/jew jiksbu kwalifiki ekwivalenti għall-edukazzjoni sekondarja għolja. Dan jista' jinvolti r-

¹ It-termini "dawk li jtilqu kmieni mill-iskola" u "dawk li jtilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ" f'dan id-dokument qed jintużaw it-tnejn bl-istess tifsira.

² ĠU C 191, 1.7.2011, p. 1.

³ Ara l-iskeda informattiva tematika dwar l-impjeg taż-żgħażaġh.

rikonossiment u l-validazzjoni ta' tagħlim informali u mhux formali, pereżempju ħiliet miksuba fuq ix-xogħol.

Din l-inizjattiva tista' tgħin biex jitnaqqsu l-effetti negattivi tat-tluq bikri mill-iskola matul il-ħajja ta' dawk milquta.

Din l-iskeda tematika l-ewwel se tagħti ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni tal-pajjiżi tal-UE fir-rigward tar-rati tat-tluq bikri mill-iskola (ESL) sabiex tenfasizza l-isfidi tal-politika li għandhom jiġu indirizzati. Imbagħad se tivvaluta l-għażliet ta' politika disponibbli u l-inizjattivi riċenti ta' politika fl-Istati Membri.

Il-folja tematika *Il-ħiliet għas-suq tax-xogħol* tagħti stampa tal-impjegabbiltà tal-gradwati, f'analiżi usa' tad-domanda u tal-provvista tal-ħiliet.

2. L-ISFIDI TAL-POLITIKA: ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PRESTAZZJONI FIL-PAJJIŻI TAL-UE

Ir-rata medja tal-UE ta' dawk li jtilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ⁴ fl-2016 kienet 10.7 %, jiġiferi 0.3 (p.p.) inqas minn dik tal-2015 (ara l-anness, tabella 1).

Ir-rata naqset b'aktar minn 3 p.p. mill-2010 u, jekk it-tendenza tkompli, il-mira ewlenija tal-Ewropa 2020 ta' inqas minn 10 % se tintlaħaq. Madankollu, l-ilħiq tal-mira ma jiġġustifikax li nibqgħu idejna fuq żaqqna: xorta se jkun hemm bosta miljuni ta' studenti fl-UE li se jtilqu kmieni mill-iskola. Barra minn hekk, iż-żamma tar-rata attwali ta' progress tista' ssir aktar diffiċli aktar pajjiż joqrob lejn din il-mira. Dan għaliex l-indirizzar tal-

⁴ Dawk li jtilqu kmieni mill-iskola huma ddefiniti bħala persuni ta' bejn it-18 u l-24 sena li jissodisfaw żewġ kondizzjonijiet: (1) l-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ li jkunu kisbu jkun ISCED 0, 1 jew 2; (2) ma jkunu rċevew ebda edukazzjoni jew taħriġ matul l-erba' ġimgħat ta' qabel l-istħarriġ. Il-grupp ta' referenza għall-kalkolu tar-rata tat-tluq bikri mill-iskola huwa l-popolazzjoni totali ta' bejn it-18 u l-24 sena. L-istatistika kollha ġejja mill-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE.

iktar sitwazzjonijiet diffiċli aktarx jeħtieġ politiki dejjem aktar immirati.

Sbatax-il Stat Membru diġà kisbu l-mira ewlenija ta' inqas minn 10 % tal-Ewropa 2020. Tnejn oħra — il-Latvja (10.0 %) u l-Ġermanja (10.3 %) — waslu qribha ħafna. Fost il-11-il pajjiż li għadhom 'l bogħod mill-mira tal-UE, l-Italja biss laħqet il-mira nazzjonali tagħha ta' 16 %. Fost l-Istati Membri li għadhom taħt l-10 %, ħamsa għadhom ma laħqux il-miri nazzjonali aktar ambizzjużi tagħhom: il-Finlandja, in-Netherlands, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja u l-Polonja.

L-Illustrazzjoni 1 turi wkoll tnaqqis qawwi (b'4.6 p.p.) fit-tluq bikri mill-iskola matul l-aħħar 10 snin. Il-progress kien partikolarment notevoli fil-Portugall (-24.5 p.p.), f'Malta (-12.6 p.p.) u fi Spanja (-11.3 p.p.). Kien biss fi tliet pajjiżi li r-rata żdiedet bi ffit. Is-Slovakkja (+0.8 p.p.) u r-Repubblika Ċeka (+1.5 p.p.) bdew minn livelli baxxi iżda issa għadhom lura biss mill-miri nazzjonali tagħhom. Ir-Rumanija (+0.6 p.p.), min-naħa l-oħra, bdiet b'waħda mill-ogħla rati ta' tluq bikri mill-iskola u m'għamlet ebda progress sinifikanti. Għadha 'l bogħod kemm mill-mira tal-UE kif ukoll mill-mira nazzjonali tagħha.


Hemm ukoll differenzi kbar bejn is-sessi. Bħala grupp, il-bniet diġà laħqu l-mira tal-UE fl-2014 b'rata ta' 9.6 %. B'kuntrast, ir-rata tas-subien fl-2016 kienet għadha 12.2 %, jiġiferi 3 p.p. ogħla minn dik tal-bniet. Id-disparità bejn is-sessi naqset mill-2006 (b'4.2 p.p.) iżda għadha evidenti fi kważi l-pajjiżi kollha. L-eċċezzjonijiet huma l-Bulgarija u r-Rumanija, fejn ir-rati ta' tluq bikri mill-iskola għall-bniet huma daqsxejn ogħla minn dawk tas-subien (b'0.2 p.p. u 0.3 p.p., rispettivament).

Ir-rati ogħla ta' tluq bikri mill-iskola għas-subien huma l-aktar qawwija fi Spanja, fil-Latvja, f'Malta u f'Ċipru (kollha aktar minn 7 p.p. 'l fuq minn dawk tal-bniet). Bejn l-2015 u l-2016 id-disparità bejn is-sessi bħala medja żdiedet kemxejn (b'mod partikolari f'Ċipru u fl-Estonja).

Ir-rati ta' tluq bikri mill-iskola jvarjaw ħafna skont fejn in-nies ikunu twieldu (ara l-anness, tabella 3). Fost **il-popolazzjoni mwielda barra l-pajjiż** fl-UE, it-tluq bikri mill-iskola huwa kważi d-doppju ta' dak tal-popolazzjoni nattiva. Id-differenza bejn in-nies imwielda barra l-pajjiż u l-popolazzjoni nattiva naqset

minn 12.8 p.p. fl-2010 għal 10.0 p.p. fl-2016 iżda xorta għadha sostanzjali f'għadd ta' Stati Membri. Sfortunatament, ir-rati ta' tluq bikri mill-iskola tal-persuni mwielda barra l-pajjiż mhumiex disponibbli għal għaxar Stati Membri.

Illustrazzjoni 1 – Tluq bikri mill-iskola, il-mira ewlenija ta' Ewropa 2020 u l-miri nazzjonali



Sors: Eurostat (LFS, tabella [t2020_40]). Il-miri nazzjonali jsegwu definizzjonijiet differenti tal-indikatur f'xi pajjiżi. Għal aktar tagħrif dwar il-miri nazzjonali u d-definizzjonijiet tagħhom, ara http://ec.europa.eu/eurostat/documents/4411192/4411431/Europe_2020_Targets.pdf.

Madankollu, il-kalkoli juru li l-UE kollha tkun 30 % eqreb lejn il-kisba tal-mira tagħha tal-Ewropa 2020 li tnaqqas ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola għal inqas minn 10 % li kieku kellha tixxejjen id-disparità bejn dawk li twieldu barra l-pajjiż u l-popolazzjonijiet nattivi⁵. Studju li sar fl-2013 dwar tfal migranti li kienu għadhom kif waslu, meta identifika modi kif tista' tiġi indirizzata l-problema, wera li s-sistemi edukattivi inklussivi huma mgħammra aħjar biex jintegraw lit-tfal migranti b'suċċess u biex jappoġġjawhom b'mod effettiv fl-edukazzjoni skolastika⁶.

Filwaqt li l-fatturi speċifiċi li jwasslu għat-tluq bikri mill-iskola jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor, il-kawżi bażiċi jistgħu jiġu ttrattati bi tliet miżuri politiċi tipikament interkonnessi:

1) **Strateġija komprensiva**

Għalkemm hemm tendenza dejjem tikber biex jiġu żviluppati strateġiji aktar komprensivi, l-Istati Membri għadhom ma implimentawx strateġiji strateġiċi biex jindirizzaw it-tluq bikri mill-iskola. Barra minn hekk, il-partijiet interessati rilevanti bħas-servizzi lokali (soċjali, tas-saħħa, tal-impjegi, eċċ.), l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ u tal-komunità u ċentri ta' gwida ħafna drabi ma jkunux involuti fi sforzi li jiżviluppaw u jimplementaw il-miżuri. Evalwazzjoni bejn il-pari tal-politiki li saret fl-2013

⁵ Il-Kummissjoni Ewropea -OECD (2015).

⁶ PPMI (2013).

biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola enfasizzat il-ħtieġa li jittieħdu ċerti miżuri speċifiċi. Dawn jinkludu l-involviment tan-negozji biex jingħata lok għal aktar tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, biex tittejjeb il-gwida għaż-żgħażaġh f'riskju ta' tluq bikri mill-iskola u biex tiġi ffaċilita t-tranżizzjoni tagħhom mill-iskola għax-xogħol⁷.

2) **It-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza**

Informazzjoni preċiża, affidabbli u valida hija għodda importanti biex jitfasslu aħjar il-politiki dwar it-tluq bikri mill-iskola. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jipproduċu dejta statistika dwar dawk li jtilqu kmieni mill-iskola u għandhom ukoll id-definizzjonijiet u l-ġabriet tad-dejta tagħhom stess, flimkien mad-dejta miġbura għall-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE. Madankollu, għadd relattivament żgħir minnhom biss jiġbor informazzjoni kwalitattiva li tista' tgħinna nifhmu r-raġunijiet għaliex l-istudenti jħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ kmieni u dak li jagħmlu wara. Franza, Malta u r-Renju Unit (l-Iskozja) huma fost il-ftit pajjiżi li jagħmlu stħarriġ b'mod regolari fost l-istudenti li jkunu ħallew l-edukazzjoni u t-taħriġ qabel iż-żmien.

3) **Prevenzjoni u intervent bikri**

Attenzjoni qawwija fuq miżuri ta' prevenzjoni u ta' intervent bikri, kemm fil-livell tas-sistema kif ukoll f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u ta' taħriġ individwali wrew li huma ta' benefiċċju. Miżuri ta' prevenzjoni li jaħdmu tajjeb fil-livell tas-sistema b'mod partikolari jindirizzaw:

- problemi ta' segregazzjoni skont it-tip ta' skola;
- l-effetti negattivi tar-repetizzjoni tas-snin;
- in-nuqqas ta' appoġġ għal gruppi f'riskju ta' tluq bikri mill-iskola; u
- l-ħtieġa li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jsiru aktar attraenti.

⁷ "Reducing early school leaving: Key messages and policy support", Novembru 2013, ir-rapport finali tal-Grupp ta' Ħidma Tematiku dwar it-tluq bikri mill-iskola: http://ec.europa.eu/education/policy/strategi-c-framework/doc/esl-group-report_en.pdf.

3. GĦODOD TA' POLITIKA LI JINDIRIZZAW L-ISFIDI POLITIĊI

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011 tagħti gwida lill-Istati Membri dwar kif jittrattaw it-tluq bikri mill-iskola u tiddefinixxi t-triq 'l quddiem. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw strateġiji koerenti, komprensivi u bbażati fuq l-evidenza li jinkludu miżuri ta' prevenzjoni, ta' intervent u ta' kumpens.

Il-prevenzjoni tiffoka fuq il-proċessi li jwasslu għat-tluq bikri mill-iskola. Il-prevenzjoni b'suċċess tat-tluq bikri mill-iskola tqis il-prekondizzjonijiet għal edukazzjoni b'suċċess u t-tfassil ta' sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ. Dan jinkludi aċċess għal edukazzjoni u kura ta' kwalità tajba kmieni fit-tfulija, perkorsi edukattivi flessibbli u integrazzjoni aħjar tat-tfal migranti.

L-intervent jindirizza diffikultajiet emerġenti fi stadju bikri u jfittex li jipprevjenihom milli jwasslu għal tluq bikri mill-iskola. Ħafna drabi japplikaw għall-istudenti kollha, iżda huma ta' benefiċċju u rilevanti b'mod partikolari għal dawk f'riskju ta' tluq bikri mill-iskola. Dan huma ffukati fuq l-istudenti u jibnu fuq l-identifikazzjoni bikrija tal-appoġġ meħtieġ għat-tagħlim u għall-motivazzjoni.

Il-miżuri ta' **kumpens** joffru opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ għal dawk li jkunu telquhom. Dawn għandhom l-għan li jergħu jinvolvu lin-nies fl-edukazzjoni u fit-taħriġ.

L-għoti ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali aktar effettiv u bbażat fuq ix-xogħol jista' jgħin biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola. Fil-programmi edukattivi ġenerali, it-taħlita tal-edukazzjoni skolastika mal-esperjenza tax-xogħol tista' wkoll timmotiva lill-istudenti "li ma jridux jafu" u tgħin għal aktar taħriġ vokazzjonali u perkorsi ta' taħriġ li joffrulhom għażliet usa'.

Grupp ta' ħidma tematiku dwar it-tluq bikri mill-iskola, magħmul minn dawk li jfasslu l-politika, prattikanti u esperti minn 27 Stat Membru u organizzazzjonijiet ewlenin Ewropej tal-

partijiet interessati, żviluppa gwida dwar fatturi ta' suċċess għall-iżvilupp ta' politiki komprensivi⁸. Dan enfażizza l-importanza tal-prevenzjoni u l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-setturi differenti u tal-bżonn li jinħolqu sħubijiet bejn il-partijiet interessati fil-livelli kollha.

Grupp ta' ħidma sussegwenti dwar il-politika għall-iskejjel identifika l-kondizzjonijiet ewlenin għall-involviment tal-komunità skolastika sħiħa (il-mexxejja tal-iskejjel, il-persunal tat-tagħlim u dak mhux tat-tagħlim, l-istudenti, il-ġenituri u l-familji) f'azzjoni koeżiva, kollettiva u kollaborattiva, b'kooperazzjoni qawwija mal-partijiet ikkonċernati esterni u mal-komunità inġenerali, jiġifieri "approċċ tal-iskola kollha", biex jiġi indirizzat it-tluq bikri mill-iskola fil-messaġġi ta' politika tiegħu⁹ u implimenta l-pjattaforma onlajn "[European Toolkit for Schools](#)". Dawn joffru lil dawk li jfasslu l-politika u lill-prattikanti gwida u riżorsi biex jippromwovu s-suċċess edukattiv u biex jagħtu appoġġ lill-istudenti kollha.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE tal-2015 dwar it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u l-promozzjoni tas-suċċess fl-iskola¹⁰ jibnu fuq ix-xogħol ta' dawn il-gruppi ta' ħidma. Huma jtennu wkoll l-importanza tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011.

Taħt ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Garanzija taż-Żgħażaġħ, l-Istati Membri huma mħeġġa jinvolvu lill-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fl-iskemi tagħhom tal-Garanzija taż-Żgħażaġħ biex jiżguraw li jsir intervent bikri fir-rigward ta' studenti f'riskju li jitolqu mill-edukazzjoni u mit-taħriġ u jsiru ekonomikament inattivi.

⁸ Op. cit. http://ec.europa.eu/education/policy/strategic-framework/doc/esl-group-report_en.pdf.

⁹ http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/repository/education/policy/strategic-framework/expert-groups/documents/early-leaving-policy_en.pdf

¹⁰ [http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52_015XG12_15\(03\)](http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52_015XG12_15(03))

L-"Aġenda Ġdida għall-Ħiliet" bl-inizjattiva Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet se tgħin lill-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jiksbu livell minimu ta' litteriżmu, numeriżmu u ħiliet diġitali u/jew progress lejn kwalifika sekondarja għolja jew ekwivalenti. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu perkorsi flessibbli li joffru għażliet għat-titjib tal-ħiliet b'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, mal-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u mal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Il-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-inizjattiva. L-appoġġ finanzjarju jista' jiġi pprovdut permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u programmi bħal [Erasmus+](#) u [EaSI](#).

Fit-30 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat l-istrateġija l-ġdida tagħha biex tappoġġja l-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni skolastika u tal-edukazzjoni għolja. Fil-Komunikazzjoni "L-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti għal bidu tajjeb fil-ħajja"¹¹, il-Kummissjoni identifikat tliet oqsma fejn hemm bżonn urġenti ta' azzjoni:

- 1) iż-żieda fil-kwalità u fl-inklużività tal-iskejjel;
- 2) l-għoti ta' appoġġ lill-għalliema u lill-mexxejja tal-iskejjel għat-tagħlim eċċellenti;
- 3) it-titjib fil-governanza tas-sistemi tal-edukazzjoni skolastika.

Dokument ta' sostenn¹² jagħti għarfien utli rigward l-evidenza tar-riċerka u r-riżultati tal-ħidma li saret fil-livell tal-UE dwar il-politiki tal-edukazzjoni skolastika.

4. EVALWAZZJONI BIR-REQQA TAL-ISTAT TAL-POLITIKA

Sabiex tkun żgurata **l-effettività** tal-politiki appoġġjati mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2011, huwa importanti li jiġu identifikati l-fatturi ewlenin li jwasslu għat-tluq bikri mill-iskola u li jsir

¹¹ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=COM:2017:248:FIN>

¹² <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?qid=1504250266779&uri=CLEX:52017SC0165>

monitoraġġ fuq l-iżviluppi nazzjonali, reġjonali u lokali¹³. L-esperjenza inizjali f'pajjiżi li japplikaw sistemi aktar avvanzati ta' ġbir ta' dejta turi li l-monitoraġġ kontinwu u sistematiku huwa utli ħafna biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tluq bikri mill-iskola.

Skont l-aħħar analiżi speċifika għall-pajjiżi, il-maġġoranza tal-Istati Membri implimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill billi adottaw strateġiji komprensivi mmirati¹⁴ jew politiki nazzjonali oħrajn¹⁵. Il-pajjiżi l-oħra għamlu dan biss b'mod parzjali jew għadhom ma ħadu ebda azzjoni.

L-aħħar ħarġa tal-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ¹⁶ annwali tal-Kummissjoni Ewropea tagħti xi eżempji ta' strateġiji nazzjonali reċenti biex jiġi indirizzat it-tluq bikri mill-iskola:

(i) Fl-2016 il-komunità Fjamminga fil-Belġju approvat dokument ta' diskussjoni dwar politika relatata mal-intitolament għall-istudju, mal-assenzi inġustifikati mill-iskola u mat-tluq mill-iskola li se tieġu post il-pjanijiet ta' azzjoni attwali. Fil-komunità frankofona tal-Belġju, it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola huwa element importanti tar-riforma attwali fl-iskejjel li qiegħda tiffoka fuq it-titjib tal-ekwità, tal-effikaċja u tal-effiċjenza.

(ii) Il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Ungerija introduċew diversi miżuri jew se jagħmlu dan dalwaqt. Dawn jikkonsistu f'mekkaniżmi ta' twissija bikrija u f'titjib fil-ġbir u fl-iskambju ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet biex jiġu identifikati aħjar it-tfal li ma jmorrux l-iskola u studenti f'riskju li jtilquha, u biex jilħqu lill-familji.

¹³ Ara r-rapport konġunt ta' Cedefop/Eurydice (2014).

¹⁴ Il-Belġju, il-Bulgarija, Franza, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, ir-Rumanija.

¹⁵ Id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

¹⁶ Aktar dettalji dwar il-progress speċifiku tal-pajjiżi fl-indirizzar tat-tluq bikri mill-iskola jinsabu fil-Volum 2 tal-[Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2017](#).

(iii) Programm f'Ċipru ffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew qiegħed jgħin lill-istudenti żvantaġġjati fil-livelli kollha tal-edukazzjoni biex jevita li dawn ifallu fl-iskola. Dan jagħti appoġġ psikosoċjali, taħriġ maħsub għall-għalliema u materjal ta' appoġġ u tekniku fl-iskejjel.

Data: 2.10.2017

5. REFERENZI

- Cedefop/Eurydice (2014), "Tackling early leaving from education and training in Europe"
<http://bookshop.europa.eu/en/tackling-early-leaving-from-education-and-training-in-europe-pbEC0414859/>
- European Commission-OECD (2015), EU Indicators of Immigrant Integration
<https://ec.europa.eu/migrant-integration/librarydoc/indicators-of-immigrant-integration-2015-settling-in>
- Public Policy and Management Institute (PPMI) (2013), Study on educational support for newly arrived migrant children, Report on behalf of the European Commission
<https://bookshop.europa.eu/en/study-on-educational-support-for-newly-arrived-migrant-children-pbNC3112385/>

6. RIŻORSI UTILI:

- Il-Kummissjoni Ewropea: Politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ dwar it-tluq bikri mill-iskola https://ec.europa.eu/education/policy/school/early-school-leavers_mt
- Il-Kummissjoni Ewropea: Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2017 http://ec.europa.eu/education/policy/strategic-framework/et-monitor_mt
- Network Espert Ewropew dwar l-Ekonomija tal-Edukazzjoni:
<http://www.eenee.de>
- Network ta' Esperti dwar l-Aspetti Soċjali tal-Edukazzjoni u tat-Taħriġ
<http://nesetweb.eu/en/>

ANNEX

Tabella 1 – Persuni li telqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (total)

	2000	2006	2010	2012	2013	2014	2015	2016	Mira
UE 28	17.6	15.3	13.9	12.7	11.9	11.2	11.0	10.7	10
Il-Belġju	13.8	12.6	11.9	12.0	11.0	9.8	10.1	8.8	9.5
Il-Bulgarija	:	17.3	12.6	12.5	12.5	12.9	13.4	13.8	11
Ir-Repubblika Ċeka	:	5.1	4.9	5.5	5.4	5.5	6.2	6.6	5.5
Id-Danimarka	11.7	9.1	11.0	9.1	8.0	7.8	7.8	7.2	10
Il-Ġermanja	14.6	13.7	11.8	10.5	9.8	9.5	10.1	10.3	10
L-Estonja	15.1	13.4	11.0	10.3	9.7	12.0	12.2	10.9	9.5
L-Irlanda	:	12.2	11.5	9.7	8.4	6.9	6.9	6.3	8
Il-Greċja	18.2	15.1	13.5	11.3	10.1	9.0	7.9	6.2	10
Spanja	29.1	30.3	28.2	24.7	23.6	21.9	20.0	19.0	15
Franza	13.3	12.7	12.7	11.8	9.7	9.0	9.2	8.8	9.5
Il-Kroazja	:	4.7	5.2	5.1	4.5	2.8	2.8	2.8	4
L-Italja	25.1	20.4	18.6	17.3	16.8	15.0	14.7	13.8	16
Ċipru	18.5	14.9	12.7	11.4	9.1	6.8	5.2	7.6	10
Il-Latvja	:	15.6	12.9	10.6	9.8	8.5	9.9	10.0	10
Il-Litwanja	16.5	8.8	7.9	6.5	6.3	5.9	5.5	4.8	9
Il-Lussemburgu	16.8	14.0	7.1	8.1	6.1	6.1	9.3	5.5	10
L-Ungerija	13.9	12.5	10.8	11.8	11.9	11.4	11.6	12.4	10
Malta	54.2	32.2	23.8	21.1	20.5	20.3	19.8	19.7	10
In-Netherlands	15.4	12.6	10.0	8.9	9.3	8.7	8.2	8.0	8
L-Awstrija	10.2	10.0	8.3	7.8	7.5	7.0	7.3	6.9	9.5
Il-Polonja	:	5.4	5.4	5.7	5.6	5.4	5.3	5.2	4.5
Il-Portugall	43.6	38.5	28.3	20.5	18.9	17.4	13.7	14.0	10
Ir-Rumanija	22.9	17.9	19.3	17.8	17.3	18.1	19.1	18.5	11.3
Is-Slovenja	:	5.6	5.0	4.4	3.9	4.4	5.0	4.9	5
Is-Slovakkja	:	6.6	4.7	5.3	6.4	6.7	6.9	7.4	6
Il-Finlandja	9.0	9.7	10.3	8.9	9.3	9.5	9.2	7.9	8
L-Iżvezja	7.3	8.6	6.5	7.5	7.1	6.7	7.0	7.4	7
Ir-Renju Unit	18.2	11.2	14.8	13.4	12.4	11.8	10.8	11.2	:

Sors: Eurostat (LFS, tabella tad-dejta [t2020_40]).

Tabella 2 – Persuni li telqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ skont is-sess

	Rġiel				Nisa				Disparità bejn is-sessi 2016 (N-I)
	2010	2014	2015	2016	2010	2014	2015	2016	
UE 28	15.8	12.8	12.4	12.2	11.9	9.6	9.5	9.2	-3.0
Il-Belġju	13.8	11.8	11.6	10.2	10.0	7.7	8.6	7.4	-2.8
Il-Bulgarija	12.4	12.8	13.3	13.7	12.9	12.9	13.4	13.9	0.2
Ir-Repubblika Ċeka	4.9	5.8	6.4	6.6	4.8	5.2	6.0	6.6	0.0
Id-Danimarka	14.1	9.5	9.7	8.5	7.7	6.1	5.7	5.9	-2.6
Il-Ġermanja	12.5	10.0	10.4	11.0	11.0	8.9	9.8	9.5	-1.5
L-Estonja	14.4	16.0	14.2	14.3	7.6	7.9	10.0	7.4	-6.9
L-Irlanda	13.4	8.0	8.4	7.8	9.6	5.7	5.4	4.6	-3.2
Il-Greċja	16.4	11.5	9.4	7.1	10.6	6.6	6.4	5.3	-1.8
Spanja	33.6	25.6	24.0	22.7	22.6	18.1	15.8	15.1	-7.6
Franza	15.3	10.2	10.1	10.1	10.2	7.9	8.4	7.5	-2.6
Il-Kroazja	6.5	3.1	3.5	3.5	3.8	2.5	2.0	2.0	-1.5
L-Italja	21.8	17.7	17.5	16.1	15.3	12.2	11.8	11.3	-4.8
Ċipru	16.2	11.2	7.7	11.4	9.8	2.9	3.1	4.3	-7.1
Il-Latvja	16.7	11.7	13.4	13.7	9.0	5.1	6.2	6.2	-7.5
Il-Litwanja	9.8	7.0	6.9	6.0	6.0	4.6	4.0	3.6	-2.4
Il-Lussemburgu	8.0	8.3	10.5	6.8	6.0	3.7	8.1	4.2	-2.6
L-Ungerija	11.5	12.5	12.0	12.9	10.1	10.3	11.2	11.8	-1.1
Malta	29.9	22.2	22.9	22.9	17.4	18.3	16.6	16.3	-6.6
In-Netherlands	12.1	10.6	9.9	10.1	7.8	6.8	6.4	5.8	-4.3
L-Awstrija	8.4	7.6	7.8	7.7	8.3	6.5	6.8	6.0	-1.7
Il-Polonja	7.2	7.3	7.2	6.4	3.5	3.3	3.2	3.9	-2.5
Il-Portugall	32.4	20.7	16.4	17.4	24.0	14.1	11.0	10.5	-6.9
Ir-Rumanija	19.5	19.5	19.5	18.4	19.0	16.7	18.5	18.7	0.3
Is-Slovenja	6.4	6.0	6.4	6.7	3.3	2.7	3.4	3.1	-3.6
Is-Slovakkja	4.6	6.9	6.9	7.6	4.9	6.6	6.8	7.2	-0.4
Il-Finlandja	11.6	11.9	10.6	9.0	9.0	7.2	7.9	6.9	-2.1
L-Iżvezja	7.5	7.3	7.6	8.2	5.5	6.0	6.4	6.4	-1.8
Ir-Renju Unit	15.6	12.9	11.7	12.7	13.9	10.8	9.8	9.5	-3.2

Sors: Eurostat (LFS, tabella tad-dejta [edat_lfse_14]).

Tabella 3 – Persuni li telqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ skont il-pajjiż tat-twelid

	2010			2016			Disparità bejn imwiela fil-pajjiż u dawk imwiela barra l-pajjiż
	Total	Imwiela barra l-pajjiż	Nattivi	Total	Imwiela barra l-pajjiż	Nattivi	
UE 28	13.9	25.6	12.8	10.7	19.8	9.8	-10.0
Il-Belġju	11.9	21.9	10.7	8.8	17.8	7.6	-10.2
Il-Bulgarija	12.6	:	12.7	13.8	:	13.8	:
Ir-Repubblika Ċeka	4.9	13.2	4.7	6.6	10.8	6.6	-4.2
Id-Danimarka	11.0	16.7	10.6	7.2	7.9	7.2	-0.7
Il-Ġermanja	11.8	23.3	10.2	10.3	23.2	8.2	-15.0
L-Estonja	11.0	:	11.1	10.9	:	10.9	:
L-Irlanda	11.5	16.3	10.7	6.3	5.2	6.5	1.3
Il-Greċja	13.5	43.1	9.2	6.2	18.1	5.5	-12.6
Spanja	28.2	43.0	25.1	19.0	32.9	16.1	-16.8
Franza	12.7	24.7	11.9	8.8	16.3	8.2	-8.1
Il-Kroazja	5.2	4.6	5.3	2.8	:	2.7	:
L-Italja	18.6	40.7	16.3	13.8	30.0	11.8	-18.2
Ċipru	12.7	26.3	7.5	7.6	18.2	4.6	-13.6
Il-Latvja	12.9	:	13.0	10.0	:	10.1	:
Il-Litwanja	7.9	:	8.0	4.8	:	4.8	:
Il-Lussemburgu	7.1	10.2	6.0	5.5	8.5	4.1	-4.4
L-Ungerija	10.8	:	10.7	12.4	:	12.4	:
Malta	23.8	:	24.0	19.7	:	19.6	:
In-Netherlands	10.0	11.3	10.0	8.0	8.3	7.9	-0.4
L-Awstrija	8.3	21.2	5.9	6.9	14.7	5.5	-9.2
Il-Polonja	5.4	:	5.4	5.2	:	5.2	:
Il-Portugall	28.3	27.4	28.3	14.0	14.3	14.0	-0.3
Ir-Rumanija	19.3	:	19.3	18.5	:	18.6	:
Is-Slovenja	5.0	20.0	4.5	4.9	15.6	4.4	-11.2
Is-Slovakkja	4.7	:	4.7	7.4	:	7.4	:
Il-Finlandja	10.3	21.1	9.7	7.9	15.1	7.6	-7.5
L-Iżvezja	6.5	10.8	5.9	7.4	15.2	5.9	-9.3
Ir-Renju Unit	14.8	10.2	15.4	11.2	9.4	11.5	2.1

Sors: Eurostat (LFS, tabella tad-dejta [edat_lfse_02]).